MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Numru. 95/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN PULIS**

**VS**

**MARIO ELLUL**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mario Ellul, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 251977 (M).

**Akkuzat talli:**

1. Nhar it-2 ta` Gunju, 2012, ghal habta tal-erbgha u nofs ta` filghaxija (16:30hrs) gewwa z-Zejtun ikkaguna feriti ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Alfred Grixti skont kif iccertifika Dr. Alex Mifsud, MD 3421, minn Floriana Health Centre;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna lil Alfred Grixti biza` li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra il-propjeta` tieghu;

3. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-paci u l-ordni pubbliku b'ghajjat u glied.

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-Artikoli 216, 251 B u 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li rat il-provi prodotta u semghet ix-xhieda mressqa;

**Ikkunsidrat:**

Il-fatt illi l-Qorti ma kelliex il-ko-operazzjoni tal-parte civile u ghalhekk il-provi mressqa m'humiex sufficjenti sabiex tigi stabbilita` responsabbilita` kriminali tal-imputat, din il-Qorti qed tillibera lill-istess imputat minhabba l-uniku fatt li ma xehedx il-kwerelant stante li kien debitament imharrek.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------